MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 657/2014

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Angelov Krassimir Andreinski u Stephania Andreinski u fit-28 ta' Jannar 2015 u fis-27 ta' Marzu 2015 il-qorti ordnat il-legittimazzjoni tal-atti f'isem Angela Andreinski bhala werrieta tal-mejjet Angelov Krassimir Andreinski**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-25 ta' Lulju 2014 l-attrici talbet il-hlas ta' €267,441.70, bilanc ghad-debitu fil-Loan Accounts ta' Angelov Krassimir Andreinski u Stephania Andreinski mal-Bank of Valletta plc (kuntratt tal-24 ta' Awissu 2005 pubblikat min-nutar Dr Josette Cauchi, fol. 4), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta' Gunju 2014 sad-data tal-hlas.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 deheret il-konvenuta u ddikjarat li kien behsiebha li tammetti l-kawza. Iddikjarat ukoll li qeghda tassumi l-atti fl-interess ta' bintha minuri Angela Andreinski bhala werrieta tal-konvenut Angelov Krassimir Andreinski. Id-difensur tal-konvenuta ddikjara li d-dejn kien qieghed jigi garantit b'polza ta' assikurazzjoni li ssarrfet u r-rikavat kien thallas lill-Bank of Valletta plc.

Fit-23 ta' Frar 2015 il-Bank of Valletta plc ipprezenta nota fejn irriduca l-ammont pretiz ghas-somma ta' €55,630.86 flimkien mal-imghax mis-16 ta' Frar 2015 sal-jum tal-hlas. Dan wara li fil-mori tal-kawza sar hlas wara li giet likwidata polza ta' assikurazzjoni li kien hemm fuq il-hajja ta' Angelov Krassimir Andreinski. Dakinhar xehedet Rose Cortis, ufficjal tal-Bank of Valletta plc, li kkonfermat bil-gurament dak li nghad fin-nota.

**Ghaldaqstant il-qorti tilqa' t-talbiet tal-Bank of Valletta plc u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-bank is-somma ta' hamsa u hamsin elf sitt mija u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€55,630.86) bl-imghax mis-16 ta' Frar 2015 u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------